MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## DOREEN CLARKE

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2007

Numru. 367/2007

Il- Pulizija
(Spettur Joseph Cordina)

-vs-

Paul Lughermo

Il- Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmi Paul Lughermo ta' 51 sena, bin Dominic u Lydia nee' Brincat, imwieled Valletta fil- 25 ta' Awissu 1955, residenti 21, Triq San Nikola, Valletta jew Garaxx bla numru Triq San Patri Giustin, Binja Indipendenza, Santa Venera. Detentur tal-karta ta' l- identita' numru 616155M.

Talli,

1. Fit- 23 ta' April 2007, fil- Floriana, iffalsifika biljetti tal- flus jew mexxa biljett tal- flus falsifikati u cioe biljetti

tal- flus Maltin, liema biljetti tal- flus kien jaf li huma falsifikati.
2. Taht l- istess cirkostanzi, minghajr awtoria legali jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli, xtara jew ircieva minghand xi persuna, jew kellu fil- kustodja jew pussess tieghu, biljetti tal- flus falsifikati li kien jaf li l- istess biljetti tal- flus kienu falsifikati.
3. B' hekk kiser il- provedimenti dwar sentenzi sospizi, art. 28A tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta, fuq sentenza mill- Qorti tal- Magistrati ta' l 1 ta' Gunju 2006.
4. B' hekk sar ricediv ai termini tal- art. 49 u 50 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta wara li gie kkundannat ghal reati b' diversi sentenzi mill- Qorti tal- Magistrati liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jinbidlu.
5. Il- Qorti giet mitluba sabiex f' kaz ta' htija, tikkundanna lill- Paul Lughermo ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x' jaqsmu mal- hatra ta' esperti jew periti f' dawn il- proceduri.

Rat li f'l-ewwel udjenza mizmuma minn din il-Qorti u cioe dik tas-7 ta' Mejju 2007 l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu anke wara li l-Qorti fissritlu l-konsegwenzi ta' ammissjoni u taghtu zmien biex jahsibha.

Rat l-artikoli 45 u 46 tal-Kap 204 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 28A – H, 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti prezentati inlkuz l-istqarrija u l-fedina penali ta' l-imputat.

Rat li d-difiza ezentat lill-prosekuzzjoni mill-prova tas-sentenza mghotija fil-konfront ta' l-imputat f'l-1 ta' Gunju 2006 u li permezz taghha gie kkundannat sitt xhur prigunerija sospizi ghal sentejn.

Semghat it-trattazzjoni tal-prosekuzzjoni u d-difiza dwar il-piena.

Ikkunsidrat,

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha lilu adebieti ghalhekk dawn huma sodisfacjetement pruvati.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-piena l-Qorti tirrileva li ghalkemm l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri (fatt li l-Qorti qeghda tiehu in konsiderazzjoni) l-fedina penali tieghu turi li l-mizuri kollha li ttiehdu qabel illum fil-konfront ta’ imputat b’l-ghan li huwa jirriabilita ruhu ma kellhomx ezitu pozittiv.

Illi bizzejjed jigi rilevat li l-imputat gie ikkundannat disgha u ghoxrin (29) darba ghal diversi reati li jinkludu serq, ricettazzjoni, theddid u pusses ta’ strumenti li jaqtaw u armi ohra. L-ahhar kundanna li nghata l-imputat kienet ta’ sitt (6) xhur prigunerija, sospizi ghal sentejn; dan kien fl-1 ta’ Gunju 2006. Pero jidher li lanqas dan ma serva ta’ deterrent ghall-imputat tant li lanqas sena wara huwa nstab f’sitwazzjoni li wasslet ghall-imputazzjoniet odjerni.

Illi l-piena stabbilita ghar-reati mertu ta’l-imputazzjonijiet odjerni hija dik ta’ prigunerija minn sentejn sa disgha snin liema piena tghola bi grad stante li l-imputat huwa recidiv. Tenut kont tas-sottomissjonijiet maghmula mill-partijiet fir-rigward tal-piena, u in vista tal-kunsiderazzjonijiet fuq maghmula, l-Qorti hija tal-fehma li m’ghandhiex triq ohra hlif li ddahhal fis-sehh is-sentenza ta’l-1 ta’ Gunju 2006 u timponi piena ohra karcerarja li tirrifletti wkoll l-ammont ta’ flus falsifikati li l-imputat kellu fil-pussess tieghu u l-ammissjoni bikrija.

Ghal dawn il-motivi, u fuq ammissjoni, u wara rat l-artikoli 45 u 46 tal-Kap 204 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikoli 28A – H, 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputat hati ta’l-imputazzjonijiet lilu adebiti u tikkundannah ghal perjodu ta’ tlett (3) snin prigunerija fuq l-imputazzjonijet odjerni u tirrendi operattiv l-perjodu ta’ sitt xhur prigunerija mghotija fis-sentenza ta’l-1 ta’ Gunju 2006. B’hekk l-imputat huwa kkundannat ghal-perjodu ta’ tlett snin u sitt xhur prigunerija mill-liema perjodu ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-imputat kien mizmum taht arrest preventiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------